**19 ta' Mejju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Filippo Balzan et.

*versus*

Paolo Caruana

**Ilma — Tqassim għall-Bżonnijiet tar-Raba' — Użu Lokali.**

*Fis-sistema leġislattiv malti, minbarra xi dispożizzjonijiet ġenerali fil-Kodiċi Ċivili, ma kien hemm qatt il-kompilazzjoni ta' normi appożiti biex jirregolaw kwistjonijiet dwar l-użu u r-ripartizzjoni tal-ilma, għad li dan huwa element prinċipalissimu tal-fekondità tar-raba'.*

*Fl-użi lokali jidher li hemm ċerta nċertezza, u illi t-tendenza lokali hija illi bejn l-utenti tal-ilma jkun hemm ftehim li jirrispekkja ċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ.*

*Jekk bejn l-interessati jkun sar ftehim dwar dan l-użu u tqassim tal-ilma, li kellu jibqa' jseħħ sakemm il-proporzjonijiet ta' komparteċipazzjoni fir-raba' ma jkunux tbiddlu, dak il-ftehim ċertament mhuwiex immutabbli; għax jekk jitbiddlu dawk il-kwoti ta' komparteċitazzjoni, il-ftehim ma jibqgħax vinkolanti. Imma ladarba dak kien ftehim konsenswali, wieħed għandu jippreżumi illi dak kienranġament indikattiv ta' distribuzzjoni ekwitattiva għall-vantaġġ rispettiv reċiproku; u tiġi loġika l-konsegwenza li t-tribunal ma għandux ikun faċli li jvarja dik ir-ripartizzjoni konsenswali, ammenokkè ma jirrikorrux xi raġunijiet suffiċjentement serji li jiskwotu l-bażi ta' dak l-arranġament.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premess li l-atturi iridu jbiddlu l-arranġament għat-tqassim tal-ilma tal-ġiebja li qegħdha fil-post 34 Long Street, Żebbuġ li kien sar b'sentenza mogħtija mill-Prim'

Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-9 ta' Marzu 1951 (dok. A); liema arranġament kellu jseħħ sakemm il-kwoti tal-kontendenti fit-tqassim tal-ilma jibqgħu l-istess; u peress li l-ishma ma għadhomx l-istess, għaliex issa l-konvenuta għandha wieħed minn tmienja (1/8), filwaqt li l-atturi għandhom tnejn minn tmienja u ħamsa minn tmienja (2/8 u 5/8) rispettivament; u peress li bis-sistema attwali l-ilma ma jistgħax jiġi wżat konvenjentement, u fil-fatt il-kontendenti mhumiex qegħdin jużawħ u l-ilma qiegħed jintilef; u premess li jkun wisq aktar konvenjenti illi l-ilma jinqasam kif isir, taħt ċirkustanzi simili, bis-sena, dejjem a proporzjon; wara li tiġi magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, talbu li jiġi stabbilit minn din il-Qorti illi l-partijiet għandhom jużaw l-ilma tal-bir in kwistjoni, u dan sakemm il-kwoti tagħhom jibqgħu bħal tal-lum, bis-sistema ta' tqassim bis-sena, b'manjiera li jkollhom kull wieħed mill-kontendenti l-użu esklużiv tal-ilma għal sena sħieħa, dejjem però a proporzjon tal-kwota tagħhom, jew b'mod ieħor li jkun xieraq, u jiġi evitat il-preġudizzju ta' xulxin. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 1960 li biha laqgħet it-talba tal-atturi fis-sens illi tassenja lill-kontendenti ħinijiet għall-użu rispettiv tal-ilma tal-ġiebja ndikata fiċ-ċitazzjoni bin-nofs ta' nhar, b'ripetizzjoni kull erbatax il-ġurnata, kif hemm indikat in kalċe ta' din is-sentenza, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jitbiddlux b'mod li jkun xieraq kambjament f'dan it-tqassim. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kontendenti skond il-kwoti rispettivi;

| | | 12 am. — 12 p.m. | 12 p.m. — 12 a.m. |
|---|---|---|---|
| 1. | Tnejn | Abela | Balzan |
| 2. | Tlieta | Abela | Abela |
| 3. | Erbgħa | Abela | Balzan |
| 4. | Ħamis | Abela | Caruana |
| 5. | Ġimgħa | Balzan | Abela |
| 6. | Sibt | Abela | Abela |
| 7. | Ħadd | | |
| 8. | Tnejn | Abela | Balzan |

9. Tlieta . . . . . . .Caruana . . . . . . . . . . . . . . . . Abela
10. Erbgħa . . . . . . Abela . . . . . . . . . . . . . . . . Balzan
11. Ħamis . . . . . . . . Abela . . . . . . . . . . . . . . . . Abela
12. Ġimgħa . . . . . . . Abela . . . . . . . . . . . . . . . . Balzan
13. Sibt . . . . . . . . . Abela . . . . . . . . . . . . . . Caruana
14. Ħadd . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
15. Tnejn, jerġa jirripeti ruħu r-roster bħal 1, eċċ. Jekk ikun hemm festa obligatorja, min imissu l-ilma jieħdu l-għada;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

B'sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Marzu 1951, fl-ismijiet "Giuseppe Abela u Filippo Balzan vs. Paola armla minn Giovanni Caruana", ġew assenjati s-sigħat li fihom il-kontendenti kellhom, "rebus sic stantibus", jagħmlu użu mill-ilma tal-ġiebja 34 Long Street, Żebbuġ, li hi dik in kwistjoni fil-kawża preżenti. Dik is-sentenza nkorporat ftehim li matul il-kawża għamlu l-istess partijiet;

Preċedentement għal dik il-kawża kien hemm ftehim bejn l-istess kontendenti, li però kien għalaq, illi huma jużaw l-ilma sena kull wieħed;

Fil-preżent l-attur Abela sar jippossjiedi ħamsa minn tmienja (5/8) mill-ishma, u l-attur Balzan żewġ ottavi (2/8), u l-konvenuta ottav (1/8);

B'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Marzu 1958 ġie nominat bħala perit tekniku l-Arkitett u Inġinier Ċivili Paul Mercieca biex jissuġġerixxi l-aħjar mod li jiġi wżat l-ilma bejn il-partijiet biex dawn jinqdew adegwatament;

B'rapport tal-5 ta' Mejju 1959 il-perit issuġġerixxa illi l-ilma jiġi wżat mill-kontendenti bis-sena fil-proporzjon ta' ottav kull wieħed u hekk l-attur Abela jkun imissu ħames snin, l-attur Balzan sentejn, u l-konvenuta sena; jiġifieri illi l-ewwel sena jmiss lill-attur Abela, it-tieni sena lill-attur Balzan, it-tielet u r-raba' sena lil Abela, il-ħames lill-konvenuta, is-sitta lil Abela, is-sebgħa lil Balzan, u t-tmienja lil Abela; u hekk, wara tmien snin jerġa jirripeti ruħu l-istess ordni. Is-suġġerixxa wkoll li tkun kondizzjoni illi min

imissu jieħu l-ilma dik is-sena jħalli liż-żewġ komproprijetarji l-oħra jużaw mill-ilma biex jistgħu jbejtu u jxettlu biss. Il-perit ta r-raġunijiet favorevoli u kontra s-sistema tal-użu bis-sena, u għażel dak il-metodu prinċipalment fuq il-konsiderazzjoni illi, jekk l-ilma jkun użat bil-ġurnata jew bis-sigħat, ikun hemm il-ħela, billi aktar ma wieħed ikun b'saħtu aktar ita'la', u l-kwantità ma tistgħax tiġi kontrollata, u ħadd ma jibża' għall-ilma komuni, għaliex jaf li dak li ma jieħux hu jieħdu ħadd ieħor; jekk, inveċe, juża l-ilma wieħed biss, l-interess li ma jinħeliex ilma jieħdu min imissu;

Fuq inkariku ulterjuri, il-perit issottometta żewġ metodi oħra biex l-ilma jittieħed bil-ġurnata jew bin-nofs ta' nhar bejn il-kontendenti (fol. 70), u fosthom indika bħala preferibbli dak tan-nofs ta' nhar, għar-raġuni illi t-tisqija tkun tista' ssir aktar spiss;

Ikkunsidrat;

Kif jiġri f'każi simili, fejn l-element tal-pika jkollu ftit jew wisq il-piż tiegħu, kull metodu għandu l-iżvantaġġi tiegħu. Bi'li kienu l-kontendenti stess li fil-kawża ta' qabel ftehmu li l-użu tal-ilma ma jkunx bis-sena, imma bis-sigħat, u f'dil-kawża tbiddlu biss l-ishma, u biex ma jkunx hemm l-inkonvenjent li l-konvenuta jkun imissha tuża l-ilma wara diversi snin, il-Qorti sejra tadotta l-metodu tan-nofs ta' nhar, kif imqassam mill-perit ġudizzjarju a fol. 70 tal-proċess;

In kwantu għall-ispejjeż tal-kawża, taħt iċ-ċirkustanzi huwa xieraq li jinqasmu bejn il-kontendenti skond il-kwoti;

Rat fol. 80 in-nota tal-appell tal-atturi. u fol. 81 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi revokat il-kap li bih l-Ewwel Qorti assenjat lill-kontendenti ħinijiet għall-użu rispettiv tal-ilma tal-ġiebja komuni bin-nofs ta' nhar, b'ripetizzjoni kull erbatax il-ġurnata kif indikat in kalċe tal-istess sentenza, sakemm iċ-ċirkustanzi ma jitbiddlux b'mod li jkun xieraq kambjament tat-tqassim, billi jiġi minflok deċiż illi għandhom jiġu akkolti d-domandi tal-atturi li l-ilma tal-

imsemmija ġiebja jiġi assenjat lill-kontendenti bis-sena, fil-proporzjon ta' kull ottav, bil-kondizzjoni li n-non-utenti jistgħu jbejtu u jxettlu biss, u tiġi konfermata kwantu għall-kap tal-ispejjeż; bl-ispejjeż tal-appell;

*Omissis;*
Ikkunsidrat;

Sfortunatament, fis-sistema leġislattiv malti, minbarra xi dispożizzjonijiet ġenerali fil-Kodiċi Ċivili, ma kien hemm qatt il-kompilazzjoni ta' normi appożiti biex jirregolaw kwistjonijiet dwar l-użu u r-ripartizzjoni tal-ilma, għad li dan hu, kif sejjaħlu l-Imħallef toriniż Carlo Dionisotti, "elemento principalissimo della fecondità dei terreni". Dispożizzjonijiet speċjali ġew inveċe statwiti fil-leġislazzjoni sarda u f'dik tal-Piemonte u tal-Lombardia minn żmien is-sekolu li għadda;

Minn xhieda tal-esperti fol. 99 et seq. tirriżulta ċerta inċertezza fl-użu lokali; iżda mill-kumpless ta' dawk ix-xhiediet jemerġi wkoll li t-tendenza lokali hija li jkun hemm ftehim bejn l-utenti li jirrispekkja ċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ;

Issa, hu fatt li fl-okkażjoni tal-kawża vertita bejn il-kontendenti u definita bis-sentenza li kopja tagħha hemm fol. 4 ġie kanonizzat ftehim li ma kienx bis-sena, kif issa, għall-kuntrarju, qegħdin jitolbu l-atturi;

Dak il-ftehim, ċertament, ma kienx immutabbli; għaliex ġie espliċitament dikjarat fis-sentenza "de qua" li kien akkordju milħuq "rebus sic stantibus", u li ma kellux jibqa' vinkolanti jekk il-proporzjonijiet tal-kompartecipazzjoni fil-futur jitbiddlu. Il-lum li l-kwoti "ex admissis" tbiddlu, u ma hemm xejn li jipprekludi lill-atturi li jitolbu regolament divers. Iżda, fl-istess ħin, din il-Qorti ma tistgħax ma tirriflettix li t-tqassim kif regolat b'dik is-sentenza kien ranġament magħmul bil-kunsens komuni. u għalhekk preżumibbilment indikattiv ta' distribuzzjoni ekwitattiva għall-vantaġġ rispettiv u reċiproku. Tiġi loġika l-konsegwenza li t-tribunal ma għandux ikun faċli li jvarja dik ir-ripartizzjoni konsenswali, ammenokkè ma jirrikorrux xi raġunijiet

suffiċjentement serji li jiskwotu l-bażi ta' dak l-arranġament.

Il-Qorti qrat attentament ir-raġunijiet "pro" u "contra" elenkati mill-perit relatur fol. 39 et seq. Hu ta' min josserva li s-sitt raġunijiet favur ir-ripartizzjoni annwa (ħlief forsi r-raba' waħda) ma humiex raġunijiet li għandhom attinenza mal-avvenuta differenza fil-kwoti, imma raġunijiet li kienu jeżistu "ab origine". Intant il-partijiet, ovvjament, ma kienux persważi minnhom meta fl-okkażjoni talkawża l-oħra kkonvenew fi tqassim li ma kienx bis-sena; mentri, jekk jiġi adottat is-sistema favorit mill-atturi, hemm żgur tliet inkonvenjenti gravi li jkunu konsegwenza tiegħu, ċjoè:—

1. Wara li l-konvenuta tieħu fl-ewwel "periodo della ruota" fil-ħames snin hi jerġa jmissha wara sebgħa snin, u hekk minn "ruota" għal oħra, suċċessivament (ara fol. 49);

2. Hu ferm probabbli, speċjalment fejn hemm rapporti teżi, li jinqala' l-inkwiet kwantu għall-kontroll talkwantità ta' ilma li jkun jirrikjedi n-non-utenti biex ibejjet u jxettel;

3. Is-soġġezzjoni tar-raba' tal-konvenuta tikber sensibbilment, jekk tiġi adottata r-ripartizzjoni annwa; għaliex l-atturi allura jkollhom aċċess kontinwu għall-bir li hemm fir-raba' tagħha matul sebgħa snin sħaħ — aċċess li, bi ftit spirtu ta' vessazzjoni, jista' jiġi aggravat ferm "ultra quod poscit necessitas" (fol. 119 dep. perit);

Għalhekk, fil-kontinġenzi tal-każ, din il-Qorti ma tħossiex inklinata li, "rebus sic stantibus", għandha tvarja rregolament magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess atturi.